Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 23 ta' Novembru 2017**
**(OR. en)**

**14823/17**

**ECOFIN 1008**
**UEM 324**
**SOC 753**
**EMPL 573**
**COMPET 806**
**ENV 979**
**EDUC 429**
**RECH 378**
**ENER 467**
**JAI 1090**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 22 ta' Novembru 2017 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2017) 770 final |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 770 final.

Mehmuż: COM(2017) 770 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.11.2017
COM(2017) 770 final

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**

{SWD(2017) 660 final}

MT MT

Rakkomandazzjoni għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 136, flimkien mal-Artikolu 121(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika[1], u partikolarment l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

(1) L-espansjoni ekonomika fiż-żona tal-euro għadha għaddejja u saret dejjem iżjed mifruxa sew fost il-pajjiżi. L-irkupru huwa dejjem aktar xprunat mid-domanda domestika, bil-konsum privat ikun il-mutur ewlieni biex jirpilja t-tkabbir u l-investiment. L-impjiegi komplew jiżdiedu tul l-2016 u l-ewwel nofs tal-2017. Ir-rata tal-qgħad rat tnaqqis sinifikanti, peress li għadu ogħla mill-2008. L-irkupru fiż-żona tal-euro huwa madankollu kkaratterizzat minn xi fatturi atipiċi: tkabbir fil-pagi u inflazzjoni sottostanti baxxi li ma jirriflettux it-titjib fis-suq tax-xogħol kif issenjalat mill-indikaturi standard tas-suq tax-xogħol, surplus kbir fil-kont kurrenti u diskrepanza fl-investiment persistenti għalkemm qed tonqos. B'mod partikolari, it-tkabbir baxx fil-pagi jidher li ġej minn staġnar li għad baqa' fis-suq tax-xogħol f'xi ekonomiji, aspettattivi baxxi dwar l-inflazzjoni li jidħlu fin-negozjati tal-pagi u tkabbir baxx tal-produttività. L-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi żdied imma għadu inqas mil-livelli tal-2008 f'ħafna pajjiżi. Id-diverġenzi fost il-pajjiżi taż-żona tal-euro f'termini ta' PDG per capita u rati tal-qgħad għadhom hemm. Ir-rati tal-qgħad fit-tul u tal-qgħad fost iż-żgħażagħ għadhom għoljin filwaqt li l-faqar, l-esklużjoni soċjali u inugwaljanza għadhom ta' tħassib serju f'bosta Stati Membri.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.
[2] ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25.

(2) Kumplessivament, fuq il-bażi tal-qari tal-indikaturi ekonomiċi għaż-żona tal-euro, jidher li hemm raġuni għal aktar appoġġ għad-domanda, l-investiment u t-tkabbir fil-pagi mingħajr ma jkun hemm ir-riskju li jiskattaw pressjonijiet inflazzjonarji, filwaqt li jitrawmu riekwilibriju intern u estern, u konverġenza ekonomika u soċjali. Fl-istess ħin, sinjali ta' żbilanċi emerġenti ġodda, eż. fis-suq tad-djar f'xi Stati Membri, hemm bżonn li jiġu sorveljati mill-qrib[3].

(3) Fiż-żona tal-euro jippersistu żbilanċi sinifikanti. Filwaqt li sar ħafna progress fost il-pajjiżi debituri netti biex jiġu korretti l-bilanċi esterni tagħhom, għad hemm surpluses kbar fil-kont kurrenti f'xi pajjiżi kredituri, li jirrifletti defiċit kumplessiv fid-domanda aggregata. Dawn jiġġeneraw surplus għaż-żona tal-euro ta' 3,3% tal-PDG fl-2016, li huwa pproġettat li jonqos għal 2,9% tal-PDG fl-2019. Il-pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali netti tal-iktar Stati Membri midjunin qegħdin jitjiebu b'pass kajman u għad hemm bżonn ta' sforzi ta' riekwilibriju sostnuti. Il-pajjiżi li kellhom defiċits kbar fil-kont kurrenti għal żmien twil għad għandhom pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali netti li ġeneralment ikunu abbinati ma' stokks kbar ta' dejn privat jew tal-amministrazzjoni pubblika u jikkostitwixxu vulnerabbiltà. Fl-istess ħin, hemm ukoll bżonn ta' sforzi fil-pajjiżi b'surplus kbir fil-kont kurrenti biex jappoġġaw id-domanda domestika u b'hekk ir-riekwilibriju taż-żona tal-euro.

(4) It-tkabbir fil-pagi jikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku fiż-żona tal-euro billi jappoġġa d-domanda aggregata, inaqqas l-inugwaljanzi u jiżgura standards tal-għajxien għoljin fiż-żona. Jenħtieġ li mekkaniżmi effikaċi ta' ffissar tal-paga jiżguraw li l-pagi jkunu differenzjati skont il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż u wara li jikkunsidraw il-bidliet fil-produttività. L-implimentazzjoni ta' riformi strutturali li jżidu l-produttività fil-pajjiżi kollha, itejbu l-kwalità u l-kompożizzjoni tan-nefqa pubblika biex jappoġġaw l-investimenti, jippromwovu t-tkabbir fil-pagi u dinamiċi tad-domanda aqwa fil-pajjiżi kredituri netti u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jkun fihom it-tkabbir f'kostijiet ta' unità lavorattiva fil-pajjiżi debituri netti jgħinu l-aċċellerazzjoni tal-proċess ta' riekwilibriju fiż-żona tal-euro.

(5) Konsistenza u bilanċ fit-taħlita tal-politika makroekonomika kumplessiva taż-żona tal-euro, inklużi politiki monetarji, fiskali u strutturali, huma kruċjali biex ikun żgurat irkupru ekonomiku robust u sostenibbli. Fis-snin reċenti, din it-taħlita ta' politika kienet żbilanċjata lejn il-politika monetarja, u rrikorriet għal għodod ġodda mhux konvenzjonali biex jinkiseb l-objettiv ta' terminu medju għall-inflazzjoni, u b'hekk appoġġat it-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol. Il-BĊE ħabbar il-bidu ta' rikalibrazzjoni tax-xiri tal-assi minnu minn Jannar 2018. Dan jitlob rwol ta' appoġġ minn politiki oħrajn, fi Stati Membri fejn ikun hemm spazju għal azzjoni politika.

(6) Hija essenzjali koordinazzjoni b'saħħitha tal-politiki fiskali nazzjonali, ibbażati fuq regoli komuni, biex wieħed jasal għal pożizzjoni fiskali aggregata xierqa għaż-żona tal-euro u għall-funzjonament tajjeb tal-unjoni monetarja. Ir-regoli fiskali komuni huma mmirati lejn is-sostenibbiltà tad-dejn fil-livell nazzjonali, filwaqt li jiġi pprovdut spazju għal stabbilizzazzjoni makroekonomika. Il-pożizzjonijiet fiskali għall-Istati Membri u fil-livell aggregat għaż-żona tal-euro għalhekk għandhom jibbilanċjaw l-objettivi tal-iżgurar tas-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi nazzjonali u l-istabbilizzazzjoni makroekonomika fit-terminu l-qasir fil-livell tal-pajjiżi u fil-livell taż-żona tal-euro. Fid-dawl tal-irkupru ekonomiku attwali fiż-żona tal-euro kkaratterizzat minn xi fatturi atipiċi, il-legat tad-dejn mill-kriżi u r-rikalibrazzjoni

3 Ara r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2018.

mistennija tax-xiri tal-assi mill-BĊE, pożizzjoni fiskali largament newtrali fil-livell aggregat għaż-żona tal-euro jidher li tkun xierqa. Hemm bżonn ta' divrenzjar xieraq tal-isforzi fiskali fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro, meta wieħed iqis l-ispazju fiskali u l-effetti konsegwenzjali fost il-pajjiżi.

(7) Titjib deċiżiv fil-kompożizzjoni u l-ġestjoni tal-baġits nazzjonali, kemm fuq in-naħa tad-dħul kif ukoll fuq in-naħa tan-nefqa, pereżempju billi r-riżorsi jiċċaqalqu lejn investiment tanġibbli u intanġibbli, iżid l-impatt tal-baġits pubbliċi fuq id-domanda fit-terminu l-qasir u jżid il-produttività fit-tul. Titjib fil-funzjonament tal-oqfsa fiskali nazzjonali u reviżjonijiet tal-infiq ġestiti tajjeb jappoġġaw il-kisba ta' politiki fiskali kredibbli u li jiffavorixxu t-tkabbir.

(8) Struttura tat-tassazzjoni mfassla sew hija essenzjali għall-promozzjoni tat-tkabbir u l-impjiegi, kif ukoll għall-kontribuzzjoni tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi. Is-semplifikazzjoni tas-sistemi fiskali u l-indirizzar tal-frodi, l-evażjoni u l-evitar tat-taxxi huma essenzjali biex is-sistemi fiskali jkunu iktar effikaċi u ġusti. Din tista' tillibera r-riżorsi għall-investiment pubbliku, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa u tikkontribwixxi biex tappoġġa l-investiment, l-impjiegi u t-titjib tal-ġustizzja soċjali. B'mod partikolari, il-miżuri kontra l-Ippjanar Aggressiv tat-Taxxa (ATP) huma essenzjali biex ikun żgurat id-dħul tal-gvern, ikunu impediti d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji, tkun ippriservata l-koeżjoni soċjali u jiġu miġġielda l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu. Il-Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK) tkun għodda b'saħħitha oħra kontra l-evitar tat-taxxa, filwaqt li jtejjeb is-Suq Uniku għan-negozji.

(9) Fatturi strutturali u istituzzjonali tas-swieq tax-xogħol u tal-prodotti u amministrazzjonijiet pubbliċi li jaħdmu sew huma determinanti importanti tar-reżiljenza ekonomika kif ukoll ta' konverġenza ċiklika, reali u soċjali fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro. Strutturi ekonomiċi reżiljenti jipprevjenu li l-iskossi jkollhom effetti sinifikanti u dejjiema fuq id-dħul u l-impjiegi fl-Istati Membri u fost iż-żona tal-euro. B'hekk, inaqqsu l-fluttwazzjonijiet ekonomiċi u jipprovdu ambjent favorevoli għal tkabbir sostenibbli u inklużiv. Koordinament aħjar tal-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, b'mod partikolari dawk preskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, jista' joħloq effetti konsegwenzjali pożittivi fl-Istati Membri u jsaħħu l-effetti pożittivi.

(10) Swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw sew u sistemi ta' protezzjoni soċjali huma bażijiet tajba għal tkabbir ekonomiku inklussiv, għal inqas inugwaljanza u għar-reżiljenza tal-ekonomiji nazzjonali u ż-żona tal-euro bħala ħaġa waħda. Bl-għan li f'dan il-qasam tinkiseb konverġenza 'l fuq, il-*Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali* jistabbilixxi 20 prinċipju ewlieni, koperti minn tliet kapitli wesgħin: (i) opportunitajiet indaqs u aċċess għas-suq tax-xogħol; (ii) kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol; u (iii) protezzjoni soċjali u inklużjoni.

(11) Minkejja progress fir-rigward tar-riformi biex titjieb il-kapaċità ta’ aġġustament tas-swieq tax-xogħol, għad hemm differenzi sinifikanti madwar iż-żona tal-euro, li qed ikomplu jkunu ta' sfida għal funzjonament bla intoppi. Politiki tas-suq tax-xogħol imfassla sew li jkunu kompletament integrati b'sistemi ta' protezzjoni soċjali jistgħu jkunu ta' appoġġ għar-riintegrazzjoni u għat-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol, inaqqsu s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, jipprovdu stabbilizzazzjoni awtomatika u jippromwovu l-ġustizzja soċjali. Arranġamenti għall-ħinijiet tax-xogħol imfassla tajjeb jistgħu jgħinu biex itaffu l-iskossi. Attivazzjoni effikaċi u f'waqtha għan-nies qiegħda li jistgħu jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol tista' tinkiseb billi jingħata appoġġ

individwalizzat għat-tiftix tal-impjiegi, it-taħriġ u r-rikwalifikazzjoni, filwaqt li dawk li ma jkunux jistgħu jieħdu sehem ikunu mħarsa. Il-feġġ ta' forom ġodda ta' impjiegi u ta' tipi ta' kuntratti ġodda jġibu magħhom sfidi relatati mas-sigurtà tal-impjieg u l-protezzjoni soċjali. F'dan l-isfond, hemm bżonn li l-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tal-impjiegi tipprevedi kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u deċenti għall-ħaddiema kollha.

(12) Sistemi ta' protezzjoni soċjali effikaċi huma kruċjali għall-promozzjoni ta' swieq tax-xogħol inklussivi u appoġġ soċjali xieraq permezz ta' aċċess għal servizzi ta' kwalità. Riformi tal-pensjonijiet u politiki ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma fatturi ewlenin ukoll biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Restrizzjonijiet mhux meħtieġa fuq il-mobbiltà tal-ħaddiema, tkunx ġeografika jew settorjali jew minn impjieg għall-ieħor, fis-sistemi ta' impjiegi u ta' protezzjoni soċjali jenħtieġ li jitneħħew.

(13) Aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja huwa vitali biex ikunu żgurati opportunitajiet indaqs u jkunu indirizzati l-ispariġġi fil-ħiliet. Investimenti adegwati fil-kapital uman permezz ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ li jtejbu t-tagħlim tul il-ħajja u jiżguraw li l-livelli tal-ħiliet ikunu jaqblu mal-bżonnijiet preżenti u futuri tas-suq tax-xogħol għandhom rwol ewlieni fit-titjib tal-kapaċità ta' aġġustament u l-konverġenza reali iktar fit-tul. L-investiment fil-ħiliet ukoll jista' jagħti spinta lill-innovazzjoni u jżid il-produttività u l-kompetittività, minbarra li jiżgura l-inklużjoni soċjali u l-mobilità.

(14) Ir-riformi tas-suq tal-prodotti li jżidu l-kompetizzjoni u r-riformi li jtejbu l-ambjent tan-negozju u l-kwalità tal-istituzzjonijiet (inkluż sistema ġudizzjarja effikaċi li tiffaċilita l-eżekuzzjonijiet tal-kuntratti) irawmu reżiljenza ekonomika fl-Istati Membri u ż-żona tal-euro bħala ħaġa waħda. Jidher ċar li integrazzjoni ulterjuri fis-Suq Uniku hi mutur ewlieni tat-tkabbir u l-konverġenza bejn l-Istati Membri. Is-Suq Uniku għad għandu potenzjal konsiderevoli mhux sfruttat u hemm bżonn ta' progress sinifikanti biex jitlesta. Is-Suq Uniku għas-servizzi (inkluż dawk finanzjarji, tal-kummerċ diġitali, tal-enerġija u tat-trasport) hija l-isfida li għadha pendenti. Madankollu, jenħtieġ li ssir enfasi wkoll fuq is-swieq tal-oġġetti biex tiġi evitata s-segmentazzjoni potenzjali tas-suq. Jenħtieġ li s-Suq Uniku Diġitali jikkontribwixxi għat-tlestija tal-ambjent ġuridiku biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi bħala pass neċessarju għat-titjib tal-prestazzjoni tas-swieq tal-prodotti u l-kompetittività globali.

(15) Filwaqt li r-robustezza kumplessiva tas-settur bankarju taż-żona tal-euro żdiedet mill-kriżi 'l hawn u s-self mill-banek reġa' beda jiżdied, għad hemm vulnerabbiltajiet li jridu jiġu indirizzati. Il-banek, u speċjalment l-istituzzjonijiet żgħar u ta’ daqs medju, huma kkonfrontati bi profittabbiltà baxxa. L-ispiża biex il-mudelli ta' negozju tal-banek jiġu adattati, l-ambjent b'rati tal-imgħax baxxi u ż-żieda fil-kompetizzjoni minn forom oħra ta’ finanzjament qed ikomplu jagħmlu pressjoni fuq il-profitabbiltà tal-banek. Għalhekk hemm bżonn li l-mudelli tan-negozju jkunu adattati ulterjorment biex isiru sostenibbli fit-tul. Il-proporzjonijiet tas-self improduttiv stabbilizzaw ruħhom fi kważi l-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro li huma l-aktar affettwati jew qegħdin jinżlu, imma l-progress għadu batut. Proporzjonijiet tas-self improduttiv għoljin ixekklu l-kapaċità tal-banek li jsellfu, it-trażmissjoni tal-politika monetarja kif ukoll il-kapaċità ta’ aġġustament ekonomiku. Dawn huma wkoll sors ta’ vulnerabbiltà għas-sistema bankarja kollha kemm hi. Fuq il-bażi tal-Pjan ta’ Azzjoni biex jiġi ttrattat is-self improduttiv li ntlaħaq qbil dwaru mill-Kunsill f’Lulju 2017, u kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-Unjoni Bankarja tal-11 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni bħalissa qed taħdem biex tasal għal pakkett komprensiv ta' miżuri li jnaqqsu s-self improduttiv sal-2018.

(16) It-tisħiħ tal-arkitettura istituzzjonali tal-UEM, bħala prijorità, jeħtieġ it-tlestija tal-Unjoni Bankarja u iktar progress fuq l-Unjoni tas-Swieq Kapitali. L-istabbiliment tal-Unjoni Bankarja għamel avvanzi sinifikanti, iżda għadu mhux lest. Il-Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni dwar it-tlestija tal-Unjoni Bankarja qed tipprova tħejji pjan għal kif jista' jinkiseb qbil dwar it-tlestija tal-Unjoni Bankarja, abbażi tal-impenji eżistenti mill-Kunsill. In-nuqqas ta' skema ta' assigurazzjoni tad-depożiti komuni u ta' garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni, ixekkel il-kapaċità tal-Unjoni Bankarja li taqta' r-rabta bejn il-banek u s-sovrani. Sforzi biex ir-riskju jonqos ulterjorment u titjieb il-ġestjoni tar-riskju fil-banek iridu jkomplu. F'dan il-kuntest, xogħol rapidu lejn qbil dwar il-pakkett regolatorju propost mill-Kummissjoni f'Novembru 2016 huwa kruċjali, flimkien ma' avvanzi ulterjuri fit-tnaqqis fis-self improduttiv u għajnuna għall-banek biex jiddiversifikaw l-investimenti tagħhom fil-bonds tal-gvern.

(17) Il-White Paper tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-Ewropa mmarkat il-bidu ta' proċess ta' riflessjoni għall-UE27 biex jiddeċiedu dwar il-futur tal-Unjoni, b'deskrizzjoni tax-xenarji possibbli. Il-Kummissjoni kkontribwiet ulterjorment b'sensiela ta' dokumenti ta' riflessjoni, fosthom id-Dokument ta' Riflessjoni dwar l-Approfondiment tal-UEM, li offrew viżjoni kumplessiva għat-tlestija tal-UEM b'sekwenzjar ċar ta' x'hemm bżonn li jsir biex titlesta l-arkitettura tagħha. Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2017 identifika l-elementi ewlenin biex l-aġenda tal-UEM tingħata spinta ulterjuri u l-Kummissjoni tat proposti rilevanti fil-ħarifa tal-2017.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu azzjoni b'mod individwali u kollettiv fil-Grupp tal-Euro, fil-perjodu 2018-2019 biex:

1. Isegwu politiki li jappoġġaw tkabbir sostenibbli u inklussiv u li jtejbu r-reżiljenza, ir-riekwilibriju u l-konverġenza. Jagħmlu progress sinifikanti lejn it-tlestija tas-Suq Uniku, partikolarment fis-servizzi, inklużi dawk finanzjarji, tal-kummerċ diġitali, tal-enerġija u tat-trasport. Fid-dawl tal-kundizzjonijiet ċikliċi pożittivi, jenħtieġ li l-Istati Membri kollha jwettqu riformi li jżidu l-produttività u l-potenzjal tat-tkabbir, itejbu l-ambjent istituzzjonali u l-ambjent tan-negozju, ineħħu l-effett lembut minn fuq l-investimenti, jappoġġaw il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u jnaqqsu l-inugwaljanza. Jenħtieġ li l-Istati Membri b'defiċits fil-kontijiet kurrenti jew b'dejn estern kbir, jimmiraw iżjed lejn il-limitazzjoni tat-tkabbir f'kostijiet ta' unità lavorattiva. Jenħtieġ li l-Istati Membri b'surpluses kbar fil-kont kurrenti jippromwovu addizzjonalment it-tkabbir fil-pagi u jimplimentaw, bi prijorità, miżuri li jrawmu l-investiment, jappoġġaw id-domanda domestika u jiffaċilitaw ir-riekwilibriju fiż-żona tal-euro.
2. Jimmiraw lejn pożizzjoni fiskali newtrali fil-livell aggregat għaż-Żona tal-Euro u taħlita ta' politika bbilanċjata. Jenħtieġ li l-politiki fiskali jsibu l-bilanċ xieraq bejn l-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari it-tnaqqis tal-proporzjonijiet tad-dejn fejn ikunu għoljin, u appoġġ għall-irkupru ekonomiku. Jenħtieġ li l-Istati Membri, filwaqt li jiżguraw il-funzjonament effikaċi tal-oqfsa fiskali nazzjonali, isegwu politiki fiskali fir-rigward tal-PST u li jappoġġaw l-investiment u jtejbu l-kwalità u l-kompożizzjoni tal-finanzi pubbliċi, inkluż billi jużaw reviżjonijiet tal-infiq u billi jadottaw strutturi fiskali ġusti u li jiffavorixxu t-tkabbir. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu u jimplimentaw miżuri biex inaqqsu il-predispożizzjoni favur id-dejn fit-tassazzjoni u jiġġieldu l-ippjanar aggressiv tat-taxxa biex jiżguraw kundizzjonijiet ekwi, jipprovdu trattament ġust lill-kontribwenti u jissalvagwardjaw il-finanzi pubbliċi u l-istabbiltà fiż-żona tal-euro. Dan jinkludi xogħol kontinwu lejn Bażi Komuni Konsolidata għat-Taxxa Korporattiva (BKKTK).

3. Jimplimentaw riformi li jippromwovu l-ħolqien tax-xogħol, l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u li jappoġġaw il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni. Jenħtieġ li r-riformi jimmiraw lejn: (i) kuntratti tax-xogħol affidabbli u flessibbli kkombinati ma' appoġġ adegwat waqt it-tranżizzjonijiet u l-evitar ta' segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol; (ii) sistemi ta’ taħriġ u ta' edukazzjoni tul il-ħajja effiċjenti u ta' kwalità, li jkollhom l-għan li jlaqqgħu l-ħiliet mal-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol; (iii) politiki attivi tas-suq tax-xogħol effikaċi li jrawmu l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol; (iv) sistemi ta' protezzjoni soċjali sostenibbli u adegwati li jwieġbu t-tipi ġodda ta' impjiegi u ta' relazzjonijiet tax-xogħol; (v) mobilità tal-forza tax-xogħol bla intoppi fost l-impjiegi, is-setturi u l-lokien; (vi) djalogu soċjali effikaċi u negozjar tal-pagi fil-livell xieraq; (vii) spustar tat-taxxi lil hinn mix-xogħol, partikolarment għal nies bi dħul baxx jew li jkunu t-tieni sors ta’ dħul.

4. B'konformità mal-pjan direzzjonali tal-Kunsill (ECOFIN) ta' Ġunju 2016, ikomplu l-ħidma biex titlesta l-Unjoni Bankarja fir-rigward tat-tnaqqis tar-riskji u l-kondiviżjoni tar-riskji, inkluża l-Iskema Ewropea ta' Assigurazzjoni tad-Depożiti, iwasslu biex il-garanzija ta' kontinġenza komuni għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni jibda jopera u jsaħħu s-sistema Ewropea ta’ Superviżjoni Finanzjarja biex tkun ipprevenuta l-akkumulazzjoni tar-riskji. Jieħdu miżuri biex jaċċelleraw b'mod tanġibbli t-tnaqqis fil-livelli tas-self improduttiv fuq il-bażi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kunsill (ECOFIN) maqbul u jippromwovu tnaqqis fl-ingranaġġ fl-Istati Membri bi stokks kbar ta' dejn privat. Isaħħu l-integrazzjoni u l-iżvilupp tas-swieq kapitali tal-UE biex jappoġġaw it-tkabbir fl-ekonomija reali filwaqt li tiġi salvagwardjata l-istabbiltà tas-suq finanzjarju.

5. Jagħmlu progress malajr fit-tlestija tal-unjoni ekonomika u monetarja, partikolarment fuq il-bażi tal-inizjattivi tal-Kummissjoni mnedija fil-ħarifa 2017, b'rispett assolut għas-suq intern tal-Unjoni u b'mod miftuħ u trasparenti lejn l-Istati Membri li mhumiex fiż-żona tal-euro.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*